



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Settembru 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0311(COD)

12755/23
ADD 1

SOC 587
ANTIDISCRIM 161
FREMP 235
TRANS 341
SPORT 25
CULT 93
CODEC 1551
IA 214

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Settembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 512 final - ANNEXES 1 to 2
Suġġett:	ANNESSI tal-Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuz id-dokument COM(2023) 512 final - ANNEXES 1 to 2.

Mehmuz: COM(2023) 512 final - ANNEXES 1 to 2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.9.2023
COM(2023) 512 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESSI

tal-

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità

{SEC(2023) 305 final} - {SWD(2023) 289 final} - {SWD(2023) 290 final} -
{SWD(2023) 291 final}

ANNESS I

FORMAT TAL-KARD EWROPEA TAD-DIŻABILITÀ

IN-NAĦA TA' QUDDIEM test tal-Kard tad-Diżabilità tal-UE bl-Ingliż

IN-NAĦA TA' WARA Informazzjoni nazzjonali bil-lingwa nazzjonali jew bil-lingwi nazzjonali li għandha tiġi deċiża mill-Istat Membru emittenti.



1. Id-daqs tal-Kard tad-Diżabilità tal-UE għandu jkun b'konformità mal-ISO 7810.
2. Il-format għandu jkun ID-1 u d-Dimensjonijiet 85.6 x 53.98 mm
3. Il-kard għandu jkollha:
 - ritratt tad-detentur tal-kard;
 - l-isem u l-kunjom tad-detentur tal-kard;
 - id-data tat-twelid tad-detentur tal-kard;
 - in-numru tas-serje tal-kard;
4. Il-kulur tal-kard għandu jkun blu ċar u skur, kif stabbilit fl-istampa u bir-referenzi
 - Blu skur: CMYK 100, 90, 10, 0
RGB 0, 68, 148
 - Blu ċar: CMYK 94, 63, 7, 1
RGB 0, 110, 183
5. Il-kard għandha tindika d-data tal-iskadenza.
6. Il-kard għandu jkun fiha kodiċi tal-pajjiż biċ-ċirku blu madwarha
7. L-ittri għandhom ikunu tat-tipa ARIAL Regular.
8. Il-kliem Kard tad-Diżabilità tal-UE għandu jintwera bl-użu tat-tipa Arial u bil-braille bl-użu tad-dimensjonijiet tal-kodiċi Marburg.
9. L-ittra fakultattiva "A" (+sinjal bil-braille) tista' tiżdied meta l-kard tintitola l-akkumpanjament ta' assistent personali.

10. Karatteristika diġitali/karatteristiċi diġitali li jużaw mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi għandhom jiġdiedu wara l-adozzjoni tal-ispeċifikazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 6(1).

ANNEX II

KARD EWROPEA GĦALL-PARKEĠĠ GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ

QUDDIEM



WARA



1. Id-daqs tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà għandu jkun:
 - għoli: 106 mm
 - wisa': 148 mm
2. Il-kulur tal-kard għandu jkun blu skur u isfar, kif stabbilit fl-istampa ta' hawn fuq u bir-referenzi:
 - Blu skur: CMYK 100, 90, 10, 0
RGB 0, 68, 148
 - Isfar: CMYK 94, 63, 7, 1
RGB 255, 237, 0
3. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà għandha tinqasam vertikament f'żewġ partijiet kemm fuq quddiem kif ukoll fuq wara.

- (a) In-naħa tax-xellug ta' quddiem għandu jkun fiha:
- is-simbolu tal-utent tas-siġġu tar-roti bi blu skur fuq sfond isfar;
 - id-data tal-iskadenza tal-kard għall-parkeġġ;
 - in-numru tas-serje tal-kard għall-parkeġġ;
 - l-isem u t-timbru tal-awtorità/organizzazzjoni emittenti;
 - meta l-kard tkun assoċjata ma' vettura, in-numru tal-pjanċa tagħha għandu jkun viżibbli.
- (b) In-naħa tal-lemin ta' quddiem għandu jkun fiha:
- b'ittri kbar, il-kliem "Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità" bil-lingwa/i tal-Istat Membru li joħroġ il-karta; wara spazju xieraq, dan għandu jidher b'tipa żgħira bil-lingwi l-oħrajn tal-Unjoni Ewropea;
 - b'ħaġa sfond, il-kodiċi ta' distinzjoni tal-Istat Membru li joħroġ il-kard għall-parkeġġ imdawwar biċ-ċirku ta' stilel li jissimbolizzaw l-Unjoni Ewropea.
- (c) In-naħa tax-xellug tan-naħa ta' wara għandu jkun fiha:
- il-kunjom tad-detentur tal-kard;
 - l-isem/ismijiet tad-detentur tal-kard;
 - id-data tat-twelid tad-detentur tal-kard;
 - Id-data tal-iskadenza tal-kard;
 - ritratt tad-detentur tal-kard;
 - in-numru tas-serje tal-kard għall-parkeġġ;
 - il-firma tad-detentur tal-kard jew marka awtorizzata oħra, jekk dan ikun permess skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali;
- (d) In-naħa tal-lemin ta' wara għandu jkun fiha:
- id-dikjarazzjoni: "Din il-kard tintitola lid-detentur għal kundizzjonijiet ta' parkeġġ lokali u faċilitajiet riżervati għal persuni b'diżabilità disponibbli fl-Istat Membru kkonċernat";
 - id-dikjarazzjoni: "Meta tintuża, il-kard għandha titpoġġa fejn tidher fuq quddiem tal-vettura b'tali mod li l-parti ta' quddiem tal-kard tkun viżibbli b'mod ċar għall-finijiet ta' ċekkjar".
4. Bl-eċċezzjoni tan-naħa tal-lemin ta' quddiem, l-entrati għandhom jintwerew bil-lingwa jew lingwi tal-Istat Membru li joħroġ il-karta għall-parkeġġ. Jekk xi Stat Membru jixtieq jagħmel l-iskrizzjonijiet b'xi lingwa nazzjonali għajr waħda mil-lingwi li ġejjin: il-Bulgaru, il-Kroat, iċ-Ċek, id-Daniż, in-Netherlandiż, l-Ingliš, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, l-Irlandiż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol jew l-Iżvediż, dan għandu jiffurmola verżjoni tal-kard b'żewġ lingwi u għandu juża waħda mil-lingwi msemmija hawn fuq, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Anness. Jekk Stat Membru jixtieq jagħmel

entrati bil-Bulgaru jew bil-Grieg, huwa għandu jfassal verżjoni bilingwi tal-karta bl-użu ta' waħda mil-lingwi msemija hawn fuq, li tuża karattri Latini.

5. Karatteristika diġitali/karatteristiċi diġitali li jużaw mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi għandhom jiżdiedu wara l-adozzjoni tal-ispeċifikazzjoni teknika msemija fl-Artikolu 7(1).